# KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt


Rif Minuti 30/K5/07

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 31/05/'07 219**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 31/05/'07 272**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 31ta' Mejju 2007.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00 pm.

1.03 Preżenti: Sitt membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

1.04 Assenti: Il-Kunsillier David Borg.

1.05 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2. Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fil-25 ta' Mejju 2007. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti.
2. Korrispondenza
3. Attivita' tal-Kunsill
4. Impjegati tal-Kunsill
5. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Request Sheets.

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 29/K5/07 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 29/K5/07.

1.3.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 1565&K545 | Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Devoluzzjoni ta' Kuridur Ekoloġiku ta' Ta' Ġiorni u l-ittra li ntbagħtet lis-Sra Simone Mousu'. |
| 2057,K429 *&2104* | Ittra mingħand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward *Users Committee* – MEPA, u r-risposti tagħha. |
| K437 & 2132 | Ittra mingħand il-Perit Lino Cachia rigward Xatt is-Sajjieda li ġiet riferuta lill-OPM u lill-MTA. |
| 2141&K443 | Ittra mingħand il-Perit Anton Camilleri rigward il-Proġett ta' Ta' Ġiorni u l-ittra li ġiet riferuta lil-Schranz Ltd. |
| 2163 | Ittra mingħand il-Każin tal-Banda San Ġiljan rigward Programm Mużikali. |
| 2281&2511 | Ittri u donazzjoni lill-Kunsill mingħand is-Sur Joe Ellul b'talba biex issir plakka fuq wieħed mill-bankijiet għall-memorja ta' Mark Pullicino. |
| 2302 | Ittra mingħand il-Perit Anton Camilleri biex issir laqgħa miegħu sabiex jiġi organizzat il-ftuħ uffiċjali tal-proġett ta' Ta' Ġiorni. |

2313&K553 Ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward seminar *'Flimkien' All Together – Putting Children First – Childcare* u l-ittra li ntbagħtet lid-Dipartiment.

2320 Kwotazzjoni mingħand MicaMed Ltd rigward *new street lighting*.

2345 Ittra mingħand il-Perit Lucien Stafrace rigward l-*Urban Improvement Fund*.

2363&2530 Ittri mingħand it-TCTC rigward computer courses – Learn It (Beginners).

2364&2529 Ittri mingħand it-TCTC rigward computer courses – ECDL Start.

2425 Ittra mingħand is-Central Districts Office rigward '*attendant'* għal-latrina pubblika ta' Paceville.

2460 Ittra mingħand l-ELC u l-MELP rigward is-siġra li hemm f' Wesgħa Ġużè Tanti.

2513 Ittra mingħand is-Sur Leonard Zammit rigward magażine sportiv li joħroġ il-Klabb tan-Neptunes.

2520 Ittra mingħand l-AKL rigward Laqgħa ma' l-E.T. Mons Arċisqof ta' Malta, Pawlu Cremona.

2526 Ittra mingħand Schranz Ltd rigward l-applikazzjoni għall-meter ta' l-ilma għall-Proġett ta' Ta' Ġiorni.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

2.02 Rif. Nru. 2057

B'riferenza għall-ittra mingħand l-AKL rigward Users Committee - MEPA, ġie deċiż li tiġi nfurmata li peress li l-Kunsill m'għandux Kunsillier li huwa Perit mhuwiex qed jiġi nnominat rappreżentant.

2.03 Rif. Nru. 2163

B'riferenza għall-ittra mingħand il-Każin tal-Banda San Ġiljan ġie deċiż li jingħataw Lm100 sabiex din l-attivita' mużikali issir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill bħala attivita' kulturali.

2.04 Rif. Nru. 2281

Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għat-talba u d-donazzjoni tas-Sur Joe Ellul biex issir plakka, għall-memorja ta' Mark Pullicino, fuq wieħed mill-bankijiet ta' ħdejn in-Neptunes.

2.05 Rif. Nru. 2302

B'riferenza għall-ittra mingħand il-Perit Anton Camilleri rigward il-ftuħ uffiċjali tal-proġett Kuridur Ekoloġiku ta' Ta' Ġiorni ġie deċiż unanimament li:-

- ✓ Issir laqgħa mal-Perit Camilleri, wara l-11 ta' Ġunju u jiġu nfurmati l-Kunsilliera bid-data tal-laqgħa;
- ✓ Issir laqgħa mas-Sur Albert Borg sabiex jiġu diskussi x-xogħolijiet li għad iridu jsiru.
- ✓ Ġie deċiż li fil-ftuħ uffiċjali tal-proġett Kuridur Ekoloġiku ta' Ġiorni, il-Perit Anton Camilleri jingħata tifkira bħala ringrazzjament ta' l-għajnuna li dejjem ta lill-Kunsill.

2.06 Rif. Nru. 2313

B'riferenza għaċ-Ċirk AKL 35/2007 rigward is-seminar 'Flimkien' u għall-istedina li saret lis-Sindki, Viċi-Sindki u Kunsillieri Laburisti ġie deċiż unanimament li għal din l-attivita' u attivitajiet politiċi simili ma jsirx ħlas mill-fondi tal-Kunsill peress li dawn huma fondi pubbliċi.

2.07 Rif. Nru. 2320

B'riferenza għall-istima tal-MicaMed Ltd rigward *new street lighting*, ġie deċiż unanimament li dawn isiru.

2.08 Rif. Nru. 2363 & 2530 u 2364 & 2529

B’riferenza għall-korsijiet tal-Komputer, kemm tal-Beginners kif ukoll tal-ECDL, ġie deċiż unanimament li filwaqt li l-Kunsill jaqbel mal-kunċett li dawn għandhom isiru, l-ewwel għandhom jinġabru kwotazzjonijiet qabel ma tittieħed deċiżjoni.

2.09 Rif. Nru. 2425

B’riferenza għat-talba tal-Kunsill sabiex ikun hemm attendant fil-Latrina Pubblika ta’ Paceville u r-risposta tal-Cleansing Services Department, ġie deċiż unanimament li s-Sindku javviċina lil ta’ Pender Place, peress li din l-area hija privata, biex jaraw jekk tistax tinstab xi soluzzjoni temporanja.

2.10 Rif. Nru. 2513

Ġie deċiż unanimament li l-Klabb tan-Neptunes b’kollaborazzjoni mal-Kunsill jippubblika magazine sportiiv b’tagħrif għall-pubbliku. Għal dan il-għan il-Klabb ser jingħata Lm100 bħala parti mill-ispejjeż involuti.

2.11 Rif. Nru. 2520

B’riferenza għal-laqgħa li ser issir ma’ l-E.T. Mons Pawlu Cremona ġie deċiż unanimament li l-ħlas tal-partners tal-kunsilliera li jattendu jsir għas-spejjeż tal-Kunsill.

2.12 Rif. Nru. 2526

B’riferenza għall-ittra mingħand Schranz Ltd ġie deċiż unanimament li l-Kunsill japplika għas-servizz ta’ l-ilma għat-tieni fażi tal-proġett tal-Kuridur Ekoloġiku ta’ Ta’ Ġiorni.

**3. Attivita’ tal-Kunsill**

3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello għamel riferenza għall-vandaliżmu li sar fuq is-siġar tal-Mellieħa, u ppropona li l-Kunsill jorganizza attivita’ sabiex jinżergħu siġar f’San Ġiljan jew f’xi post ieħor. Għal din l-attivita’ jiġu mistiedna minbarra l-Kunsilliera, l-ex-Kunsilliera, l-Presidenti tal-Każini tal-Baned u ta’ l-għaqdiet, u l-Kapillani tal-lokalita’.

3.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li:-

- ✓ Issir laqgħa mas-Sur Albert Borg sabiex jiġi diskuss jekk jistax isir taraġ fil-Ġnien Ekoloġiku (l-ewwel fażi) sabiex fil-każ jinżergħu xi siġar fil-parti t'isfel.
- ✓ Jinżergħu s-siġar fil-Wied jew f'xi post ieħor.
- ✓ It-34U jiġu mitluba jagħtu stima biex jinżergħu xi siġar.

**4. Impjegati tal-Kunsill**

4.01 B'riferenza għall-ittra mingħand l-iskrivani Lindsay Debattista u Marisa Micallef fejn talbu li jiġi kkunsidrat li jittellgħu għal Skala 13, il-Kunsill ġie ppreżentat b'rapport. (Ara Appendiċi 'A').

4.02 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jimxi mal-liġi, l-avviżi legali u mal-proċeduri għaldaqstant it-talba li saret mill-iskrivani ma ġietx milqugħa.

**5. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

5.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

5.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

5.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn 2247 sal 2281 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ċ').

6.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets.

6.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondaha.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.05 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

6.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

6.07 Il-Kunsillier Norman Vella ġie skużat fl-3.45p.m.

**7. Materji oħra**

7.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ammont ta' Lm20,782 li l-Kunsill irċieva mingħand il-Kumitat konġunt ta' l-L.E.S. ġew iddepożitati fis-Savings Account ta' l-HSBC minflok is-Savings Account tal-BOV.

7.02 Peress li l-iskrivana Marisa Micallef mistennija li jkollha t-tarbija f'Settembru u peress li ser tkun bil-'maternity leave' u bil-leave sa l-ewwel jew it-tieni ġimgħa ta' Jannar 2008, ser jinxtara s-servizz ta' Ms Connie Said minn Awissu 2007 sat-tieni jew it-tielet ġimgħa ta' Jannar 2008. Is-sigħat ser ikunu bejn is-7.30 a.m sas-1.00 p.m. u nhar ta' Erbgħa is-sigħat ikunu itwal. Madankollu dawn il-ħinijiet mhumiex limitati. Ms Said ser titħallas bir-rata ta' Lm2.25 is-siegħa.

7.03 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.04 B'riferenza għal-laqgħa li saret mas-Supt Sharon Tanti nhar l-Erbgħa 8 ta' Mejju 2007 nġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li tqassmitilhom kopja tal-minuti (Ara Appendiċi 'D').

7.05 Għal sena oħra konsekuttiva, l-Awtorita' ta' Malta dwar it-Turiżmu ser tipprovdi fondi lill-Kunsill biex isir tindif addizzjonali ta' knis, tbattil ta' litter bins u ġbir ta' skart matul ix-xhur tas-sajf. Dan ser isir mit-Tnejn sal-Ħadd mis-Sibt 16 ta' Ġunju 2007 għal ħmistax il-ġimgħa. Għalhekk ser jiġi ffirmat il-kuntratt bejn – MTA u l-Kunsill.

7.06 Saret riferenza għall-gabbani li jintramew fil-festa ta' San Ġiljan u l-Balluta. Ġie deċiż unanimament li s-Sindku jiltaqa' mal-pulizija sabiex tinstab l-aħjar sistema.

7.07 Ġie deċiż unanimament li:-

- ✓ titpoġġa skip oħra f'Wesgħa Ġuże Tanti, ħdejn il-Park Towers;
- ✓ tintbagħat ittra lill-ADT sabiex jiġi kkunsidrat li titressaq iż-żebra crossing li hemm fi Triq San Ġorġ, in-naħa tal-Wembley Garage għal aktar l-isfel lejn l-HSBC;
- ✓ Fir-rigward il-'One Way' traffic systems li ġew approvati mill-ADT, ġie deċiż li l-Kunsillier Edgar Montanaro jieħu ħsieb biex jiġu nfurmati r-residenti;

7.08 Saret riferenza għall-proġett ta' Ta' Ġiorni u ġie deċiż li fuq l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss tittella item rigward it-Tender għat-tmexxija tal-Ġnien.

7.09 Dwar it-Triq Claire E. Engel iċ-Chairman informa lill-Kunsill li qed jistennew lilll-Enemalta sabiex jitneħħa l-arblu tad-dawl biex il-kuntrattur ikun jista jirranġa it-triq li qed tisfronda;

7.10 Iċ-Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill li fl-aħħar ta' Ġunju ser ikun indispost. Għaldaqstant ġie deċiż unanimament li l-laqgħa li jmiss isir nhar it-Tlieta 19 ta' Ġunju 2007 fid-9.30 a.m.

7.11 Il-Kunsillier Karl Gouder ġie skużat fl-3.55p.m

7.12 Il-Kunsilliera Irene Borg infurmat lill-Kunsill li għall-ħarġa, 'self-funding', li saret fl-okkażżjoni ta' Jum l-Omm attendew 38 persuna, filwaqt li ser issir ħarġa oħra 'self-funding' għal-Għawdex fil-27 ta' Ġunju 2007 fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier.

7.13 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fil-4.15 p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |